MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 1073/2005

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatarju numru 2253/04 fl-ismijiet:**

**Gino Mule Stagno u Marie Diane Mule Stagno**

**vs**

**Paul Demicoli, Kevin Bonnici, AIC Joseph Falzon, Nick Demicoli Construction Co. Ltd u Asfaltar Ltd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Paul Demicoli personalment u Nick Demicoli Construction Co. Ltd ippresentat fl-10 ta' Novembru, 2005, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew illi:

Ssir referenza ghal decizjoni moghtija minn dina l-Qorti tal-20 ta' Jannar, 2005 fuq rikors tas-sekwestrat Asfaltar Ltd; fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija l-ammont kawtelat gie ridott ghal Lm110,000 minn Lm150,000;

Ssir referenza wkoll ghal garanzija li gia qed tinghata miz-zewg esponenti *in forza* u *in segwitu* ta' mandat ta' inibizzjoni numru: 299/05 fl-istess ismijiet;

Ssir referenza ukoll ghal depozitu fl-ammont intier ta' Lm110,000 li sar fl-atti tal-mandat ta' sekwestru minn Asfaltar Ltd kif jirrizulta mill-kontromandat numru 1217/05 u dan l-ammont intier li qed jigi pretiz mis-sekwestranti.

Ghalhekk ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u b'mod partikolari minhabba l-fatt li l-ammont pretiz gia jinsab garantit dan il-mandat mhux mehtieg.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha ghar-ragunijiet fuq premessi tordna revoka *contrario imperio* tal-precitat mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-esponenti jew alternattivament taghti kull provvediment opportun li jkun jidher xieraq skond ic-cirkustanzi ta' dan il-kaz;

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' Gino Mule' Stagno u Marie Diane Mule' Stagno li *in forza* taghha opponew it-talba rikorrenti u talbu li l-istess rikors jigi michud;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti tar-rikors numru 985/04TM deciz minn din l-istess Qorti fl-20 ta' Jannar, 2005;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka u / jew tnaqqis tas-somma kawtelata bil-mandat ta' sekwestru numru

2253/04. Ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talba ghar-revoka fuq il-bazi li gia hemm garanzija alternattiva bis-sahha tal-proprjeta’ maqbuda bil-mandat ta’ inibizzjoni numru 299/05 u hemm garanzija bankarja prodotta minn Asfaltar Ltd ghas-somma ta’ Lm110,000; it-talba ghat-tnaqqis tal-ammont likwidat hu bazat fuq l-allegazzjoni li s-somma kawtelata hi eccessiva.

Jirrizulta li bil-mandat ta’ inibizzjoni numru 299/05, gew maqbuda biss proprjeta’ ta’ Paul Demicoli personalment, u xejn tas-socjeta’ rikorrenti Nick Demicoli Construction Co. Ltd, u *kwindi*, fir-rigward ta’ din tal-ahhar, ma hi qed tofri ebda garanzija alternattiva. Fir-rigward ta’ Paul Demicoli personalment, jidher li bil-mandat ta’ inibizzjoni fuq imsemmi giet kolpita bicca art diviza gewwa Haz-Zebbug. Mar-rikors taghhom, ir-rikorrenti, *pero’*, ma ressqu ebda dokument, stima jew prova ohra li jindikaw il-valur ta’ din l-art u jekk l-art hijiex hielsa minn pizijiet jew drittijiet ta’ terzi. Il-procedura taht l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija intiza bhala procedura spedjenti, u fir-rikors promotorju hu mistenni li r-rikorrenti jelenka b’mod precis x’inhi l-garanzija alternattiva, u l-valur u l-istat taghha, biex il-Qorti, wara li tisma l-partijiet, tkun tista tghaddi ghad-decizjoni taghha; altrimenti, dawn il-proceduri jintilfu f’bir bla qiegh ta’ provi, bil-kawza titwal daqs jekk mhux aktar mill-kawza fil-meritu. Jekk debitur qed jofri proprjeta’ immobbli bhala garanzija ghandu, mar-rikors, jressaq deskrizzjoni u stima tal-proprjeta’ minn perit kwalifikat, ir-ricerki dwar trasferimenti u djun tal-istess debitur, u, tal-anqas, affidavit li fih d-debitur spjega l-istat tal-proprjeta’ u jikkonferma li mhux milquta b’xi drittijiet personali ta’ terzi. Ir-rikorrenti, f’dan il-kaz, m’ghamlu xejn minn dan, u mhux mistenni li l-Qorti toqghod tistenna l-kumdita’ taghhom sakemm jigbru l-provi necessarji. Il-ligi trid li dan ir-rikors jigi appuntat u trattat b’urgenza, u min iressaq talba taht l-art. 836 tal-Kap. 12 irid ikun ippreparat bil-provi lesti f’idejh!

Dwar il-garanzija moghtija minn Asfaltar Ltd, il-Qorti tifhem li din il-garanzija qed taghmel tajjeb biss f’kaz li r-responsabilita’ tigi imputata lil dik il-kumpanija, u mhux qieghda hemm biex tkun ta’ garanzija ghal xi obbligazzjoni

ta' haddiehor. Il-garanzija hija cara meta tghid li inghatat ghal kaz biss li l-Qorti tiddikjara li somma hi dovuta minn Asfaltar Ltd, u mhux qieghda hemm biex taghmel tajjeb ghal xi dejn ta' terzi. Jekk, fil-kawza fil-meritu, il-Qorti tillibera lil Asfaltar Ltd, u titfa' xi responsabilita' fuq ir-rikorrenti, dik il-garanzija, hekk moghtija f'isem Asfaltar Ltd, tkun bla effett, u *kwindi* ma jistax jinghad li dik il-garanzija tissodisfa r-rekwiziti tal-artikolu 836(c) tal-Kap. 12.

Ghar-rigward tat-talba ghat-tnaqqis fl-ammont milqut bis-sekwestru, din il-Qorti kienet ikkunsidrat dan il-punt fil-proceduri li ittiehdu minn Asfaltar Ltd ghar-revoka u / jew tnaqqis fl-ammont kawtelat. F'dawk il-proceduri (rikors 985/04), din il-Qorti kienet ipprovdiet ghall-tnaqqis fis-somma kawtelata wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Fl-ahhar lok, is-socjeta' rikorrenti tilmenta li, f'kull kaz, is-somma kawtelata hi eccessiva. Kif intwera, l-intimati talbu l-hrug tal-mandat in kawtela ta' Lm150,000, kwantu ghal Lm91,000 circa damnum emergens (valur tal-appartament u l-mobbli) u kwantu ghal-bilanc lucrum cessans, a bazi tal-fatt li d-de cujus kienet taghti lezjonijiet fuq bazi ta' privat u kellha dhul ta' circa Lm5,000 fis-sena. Il-Qorti tqies li l-figura kawtelata tidher li hi ftit eccessiva. Il-fond in kwistjoni kien appartament fi blokk bini, u ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex indikazzjoni ta' x'tip ta' ghamara kien hemm fil-fond, la darba ma giex indikat lilha li l-ghamara kienet antika ta' certa kwalita' li tapprezza fil-valur maz-zmien, tqies li l-figura globali ta' madwar Lm91,000 hija ftit eccessiva. Dwar il-lucrum cessans, hu veru li d-de cujus jidher li kellha dak id-dhul (li ghad irid jigi pruvat), pero' meta tqies li hi kellha 61 sena meta mietet u l-grad ta' dipendenza tal-intimata kien wiehed baxx (mara mizzewga li tiddependi ghal-ghixien taghha fuq hidmitha, jekk tahdem, u ta' zewgha, u mhux fuq hidmiet ommha) ma hux prospettat li dan ikun wiehed gholi (ara, bhala ezempju tal-mod kif jigi kkalkulat il-kumpens f'sitwazzjonijiet kongruwi l-kawza "Agius vs Fenech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2003, u "Turner vs Agius", deciza mill-istess Onorabbli*

*Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003). Kwindi, l-Qorti thoss li, mehud kont tal-fattispecie tal-kaz, u minghajr ma qieghda bl-ebda mod tippregudika l-interessi tal-partijiet f'din il-kawza, somma ta' Lm110,000 kawtelata tkun prima facie aktar ragjonevoli".*

Din il-Qorti, ghalhekk, sejra tipprovdi billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka *in toto* tal-mandat ta' sekwestru *in kwistjoni*, izda sejra tipprovdi ghat-tnaqqis fl-ammont li ghandu jibqa' kawtelat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' *in parte* it-talba tar-rikorrenti, billi *a bazi* tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tqies li l-ammot kawtelat jidher li huwa *prima facie* eccessiv, u *kwindi* tordna li, fil-konfront biss tar-rikorrenti Paul Demicoli personalment, u s-socjeta' Nick Demicoli Construction Co. Ltd, il-Mandat ta' Sekwestru numru 2253/04 mahrug minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru, 2004, ghandu jigi limitat u jkollu effett biss ghas-somma ta' Lm110,000, u b'hekk tirrevoka u thassar il-mandat *in kwistjoni*, *in kwantu* jista' jolqot somma *in eccess* ta' Lm110,000.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------